**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 65/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi huma zzewwgu fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u disghin (1990), liema zwieg gie nsinwat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu n-numru progressiv hames mija u wiehed u tmenin tas-sena elf disa` mija u disghin (581/1990) (Ara Dok. A) u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal ilkoll maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt min-Nutar Dottor Patrizia Mallia LLD (Ara Dok. B li qieghed jigi hawn anness ma' dan ir-rikors); barra dan

il-partijiet kienu ilhom separati de facto u ghalhekk, qabzu z-zmien rikjest mil-ligi ta' erba` (4) snin.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u l-intimat m'huwiex intitolat ghal manteniment stante li kien irrinunzja illi jitlob manteniment minghand ir-rikorrenti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodifaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn I l-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Marzu 2012 u illi ilhom aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.